MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Numru. 759/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 10 TA' APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**KONTRA**

**JOHN BONELLO**
**CAROLINE ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

John Bonello ta’ 60 sena, bin Francis u Gemma nee’ Mercieca, mwieled nhar is-5 ta’ Lulju 1947, u residenti fil-fond Dar il- Blata, Triq l-Ibrag, Swieqi, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 595147(M);

U

Caroline Zammit ta’ 31 sena, bin John Bonello u Rita nee’ Gauci, mwielda nhar is-7 ta’ Ottubru 1975, u residenti fil-fond Il-Fanal, Triq l-Ibrag, Ibrag, detentrici ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 449575(M);

Li gew mressaqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;
Talli:
1. Inthom John Bonello u Caroline Zammit akkuzati talli fil- 25 ta’ Lulju 2007 ghall- habta tas- 2.30pm fl-istabbiliment “Hole in the Wall’ li jisnab fi Triq San Gorg San Giljan, attakkaw jew ghamlu rezistenza jew hebbew, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, lis- Sur Andre’ Zamit u tas- Sur Johnatan Cuschieri liema persuni huma nkarigati skond il- Ligi minn servizz pubbliku , fil-waqt li dawn il- persuni kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghtija skond iil- Ligi mill- Awtorita’ kompetento ; dan bi ksur tal- Artikolu 96 tal-Kapitolu 9tal- Ligijiet ta’ Malta

2. Talli fl-istess data, lok u hin hebbew kontra persuni sabiex ingurjhom, dejaqhuhom jew ghamlulhom hsara lilhom jew lil haddiehor kemm il- darba il- fatt ma ikunx jaqa taht xi dispozizzjoni ohra tal- Kodici Kriminali ; dan bi ksur tal- Artikolu 339 (e) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

3. Talli fl-istess data, lok u hin ghamlu lil haddiehor ingurji jew tghedid mhux imsemmija f’dan il- Kodici Kriminali jew, jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b’ mod li johrog barra mil- limiti tal- provokazzjoni ; dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta .

4. Talli fl-istess data, lok u hin kissru volontarjament il- bon ordni jew il- kwiet pubbliku ; dan bi ksur tal- Artikolu 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-imputazzjonijiet gew ippruvati fil-konfront taz-zewg imputati. Ghalkemm ma jistax jinghad li dan ir-reat kien xi wiehed ta’ konsegwenzi serji, xorta wahda m’ghandu qatt ikun li persuna thebb kontra ufficjal pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijietu bil-hsieb li tbezzghu jew tinfluwixxi fuqu. Tali agir ma jista’ qatt jigi ttollerat jew b’xi mod iggustifikat. Fil-kaz in esami, jidher li dan kien incident isolat u l-imputati ghandhom fedina penali netta li, fic-cirkostanzi, ser timmilita favor mitigazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 96, 339(1)(d) u (e), 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputati John Bonello u Caroline Zammit hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor fi zmien sena mil-llum ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna inoltre l-hrug ta’ garanzija kontra l-istess imputati ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal perijodu ta’ sena, favur Andre’ Zammit u Jonathan Cuschieri, taht penali ta’ hames mitt Ewro (Eu500).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------